HAL BALZAN

ID-DISA' SENA Nru. 49 — SETTEMBRU/ DIĊEMBRU 1979

EDITORJAL

X'INHI GHAQDA?

Fil-gżejjer Maltin, in-numru ta' nies li jagħmlu sehem minn xi għaqda huwa kbir mhux ħażin. Ħafna minn dawn ikunu biss, biex ngħidu hekk, għall-isem, iżda oħrajn ikunu ħabrieka u jmiddu għonqhom għax-xogħol u saħansitra joħorġu l-flus mill-but, basta jaraw l-għaqda favorita tagħhom tikber u tagħti sehemha skond x'ikun l-iskop tagħha.

Hija diżrazzja, però, li ħafna nies mhux biss ma jafux iġibu ruħhom sewwa fl-għaqda li jkunu, iżda saħansitra anqas jafu t-tifsira tal-kelma "għaqda".

Kull għaqda, kemm reliġjuża kif ukoll filantropika, tikkonsiti minn grupp ta' nies li għandhom skop li għalih twaqqfet l-għaqda, mezzi biex ikunu jistgħu jilħqu l-iskop tagħhom, kap, u liġi. Hekk, il-membri ta' każin tal-banda għandhom l-iskop li jitgħallmu, jgħallmu, jew idoqqu l-banda. Il-mezzi biex jilħqu l-iskop tagħhom hija d-dar li fiha jiltaqgħu, il-flus biex jixtru ħwejjeġ meħtieġa għall-manutenzjoni ta' l-għaqda, u l-istrumenti tal-banda. Il-kap huwa l-President flimkien mal-Kumitat, li jiġu eletti mill-istess membri fis-seduta ġenerali; waqt li l-liġi hija l-istatut jew ir-regolamenti li bihom l-għaqda titmexxa mill-kap.

L-iktar ħaġa importanti huwa l-grupp ta' nies, għax fuqhom u bil-ħidma tagħhom jiddependi l-futur u s-saħħa ta' l-għaqda li fiha jkunu msieħba. Hekk, jekk ikunu għażżenin u ma jsir xejn, l-għaqda tispiċċa. Jekk ikunu bla kuraġġ ma jkunux jifilħu jilqgħu l-problemi li jiltaqgħu magħhom, b'riżultat li l-għaqda tibda titlef il-membri tagħha. Jekk ikunu bla inizjattiva, l-għaqda teżisti biss għall-isem. Jekk fosthom ma jkunx hemm tolleranza u mħabba l-għaqda tispiċċa biex tinqasam f'ħafna sezzjonijiet differenti u kulħadd jispiċċa jiġbed għal rasu.

Xi wħud mill-ikbar egħdewwa għall-"għaqda" huma l-għira u l-ilsien ħażin. L-għira tnissel il-mibegħda u l-mibegħda ġġib il-qsim u tkisser l-inizjattiva jew toħloq problemi serji għal min iħobb jaħdem bis-sinċerità. Min-naħa l-oħra, l-ilsien ħażin jew ħafna botti lil xulxin jirriżultaw f'riżenji ta' nies serji li setgħu jkunu ta' benefiċċju kbir lis-soċjetà.

Fl-għaqda kulħadd għandu jaħdem b'sinċerità għall-iskop li għalih l-għaqda tkun twaqqfet. Għandna nittolleraw lil xulxin biex tirrenja l-paċi — għandna nisimgħu l-fehma ta' xulxin biex ikun hemm aktar ftehim bejnietna.

Mela ningħaqdu u naħdmu sewwa fl-għaqda li qegħdin fiha, għax bix-xogħol, bis-serjetà, bl-onestà, u bis-sagrifiċċju nistgħu nagħmlu ħwejjeġ kbar li jkunu ta' ġid għall-oħrajn, kemm moralment, kif ukoll spiritwalment u soċjalment.

SKARPOLI

Għal kull xorta ta' tiswijiet ta' żraben

IRRIKORRU GHAND SKARPOLI
TA' TRIQ IL-KBIRA, HAL BALZAN

Minn għandu tieħu xogħol tajjeb. Jibdel platforms u supratakki u jagħmel uċuħ ġodda tal-krakar.

Hinijiet:
Mit-Tnejn sal-Ġimgħa mill-5.30 p.m. sas-7.00 p.m.
Is-Sibt mit-8.30 a.m. sas-1.00 p.m. u mill-5.00 p.m. sas-7.00 p.m.

DUN KARM SCIBERRAS 25 SENA KAPPILLAN

Nhar it-12 ta' Diċembru 1979, il-Kanonku Dun Karm Sciberras għalaq 25 sena bħala Kappillan tal-Parroċċa ta' Ħal Balzan. Huwa ħa l-pussess tal-Parroċċa nhar it-12 ta' Diċembru tas-sena 1954, ftit aktar minn seba' snin wara li kien ilu ordnat saċerdot. Tul dawn il-25 sena, il-Kappillan Sciberras ħadem kemm felaħ għall-ġid tal-Parroċċa tagħna, kemm fil-qasam reliġjuż, kif ukoll f'dak soċjali u ċiviku.

F'din il-ħarġa, m'aħniex se noqogħdu nsemmu l-opri u l-ħidmiet kollha li wettaq il-Kappillan, billi dan għamilnieh f'ħarġet oħra (ara l-ħarġiet Nru. 6, Lulju/Awwissu 1972, u Nru. 31, Settembru/Ottubru 1976); se nagħtu biss ħjiel tal-attivitajiet li saru f'din is-sena għall-ġublew tal-Kappillan, fil-waqt li nifirħulu minn qiegħ qalbna, f'isem il-qarrejja u l-Balzanin kollha, u nixtequlu kull riżq u barka fil-Mulej u aktar snin ta' saħħa u ħidma b'riżq il-Parroċċa ta' Ħal Balzan.

L-attivitajiet, organizzati fil-qofol tagħhom mill-Kunsill Parrokkjali tal-Parroċċa, bdew nhar it-Tlieta, 11 ta' Diċembru, b'siegħa adorazzjoni quddiem Ġesù Sagramentat għall-bżonnijiet spiritwali u temporali tal-Kappillan. L-adorazzjoni kienet immexxija minn Dun Alwiġ Deguara. L-għada, l-Erbgħa, 12 ta' Diċembru, il-Kappillan stess mexxa Konċelebrazzjoni solenni b'radd il-ħajr lil Alla għal kull ma għoġbu jagħmel miegħu tul dawn is-snin kollha bħala ragħaj spiritwali ta' din il-Parroċċa. Il-kelmtejn ta' l-okkażjoni saru minn Mons. Lawrenz Zammit. Wara l-Konċelebrazzjoni, sar trattament fis-Sala Aurora għall-imseħbin tal-għaqdiet u l-każini, fejn ġie offert lill-Kappillan rigal miġbur mill-membri tal-każini u l-għaqdiet reliġjużi tal-Parroċċa. Il-Ħamis, 13 ta' Diċembru, saret fil-Knisja Parrokkjali Quddiesa konċelebrata, organizzata mill-fergħat tal-irġiel u tan-nisa tal-Azzjoni Kattolika tal-Parroċċa, li tagħhom il-Kappillan huwa l-Assistent Ekkleżjastiku. L-attivitajiet għalqu l-Ġimgħa, 14 ta' Diċembru, b'ħidma li hija ferm għal qalb il-Kappillan — Quddiesa għat-tfal kollha tal-Parroċċa, fl-okkażjoni tas-Sena Internazzjonali tagħhom.



Il-Kan. C. Sciberras.

HAL BALZAN U S-SENA INTERNAZZJONALI TAT-TFAL

'EXHIBITION'

Peress li din is-sena kienet taħbat is-Sena Internazzjonali tat-Tfal, il-Kappillan flimkien mal-Kunsill Parrokkjali, fost attivitajiet oħra, ħejja exhibition magħmula mit-tfal stess. Din saret fil-ġimgħa ta' bejn l-1 u s-6 ta' Ottubru, 1979. It-tfal, bniet u subien, ta' bejn l-età ta' 6 u 14-il sena, ġabu affarijiet magħhom li għamlu huma stess. Fis-sezzjoni tal-bniet kien hemm fost l-oħrajn: 'soft toys', 'crochet', 'knitting', ħjata, tpinġija, 'files', 'tapestries', 'embroidery' u xi 'cakes'; u fis-sezzjoni tas-subien kien hemm 'charts', 'models', 'files', tpinġija, madum ta' l-irħam, 'airfix' u 'nail tapestries'.

Għal din l-okkażjoni ġew mistiedna 5 persuni, 3 minnhom m'humiex mill-Parroċċa, b'iskop illi ma jkunux jafu lit-tfal, bħala 'judges'. Huwa ġew darba fost il-ġimgħa u għamlu l-għażla tagħhom bejn l-ewwel u t-tieni ta' kull sezzjoni li kienet maqsuma fi tlieta. Il-Ħadd ta' wara, jiġifieri s-7 tax-xahar, il-Kappillan qassam il-premjijiet lil kull rebbieħ u rebbieħa.

Il-Kappillan u l-Kunsill Parrokkjali jixtiequ jirringrazzjaw lit-tfal kollha li pparteċipaw, lill-Judges li kienu tant ġentili li aċċettaw l-istedina u fl-aħħar, iżda mhux l-inqas, lil dawk kollha li offrew xi donazzjoni.

● *għal paġna 2*

Is-Sur Victor Delicata jinħatar Assistent Superjur Ġenerali tal-MUSEUM

Nhar l-Erbgħa, 19 ta' Settembru 1979, tħabbar uffiċjalment li s-Sur Victor Delicata, Superjur tal-fergħa tas-subien tal-MUSEUM tal-Parroċċa, inħatar Assistent tas-Superjur Ġenerali tal-istess Soċjetà. F'din il-kariga ġdida, is-Sur Delicata se jkollu sehem mill-qrib fit-tmexxija ġenerali tas-Soċjetà, li llum għandha djar tad-duttrina tista' tgħid fil-Parroċċi kollha ta' Malta u Għawdex, u saħansitra xi oqsma fl-Awstralja.

Is-Superjur Delicata ilu jmexxi l-qasam tal-MUSEUM ta' Ħal Balzan sa mis-sena 1952, u bosta kienu l-attivitajiet u l-ħidmiet li saru għat-tfal u ż-żgħażagħ tal-Parroċċa fuq l-inizjattiva tiegħu. Huwa għamel żmien ukoll Viċi-President tal-Kunsill Ċiviku ta' Ħal Balzan, fiż-żmien meta kien imwaqqaf, u huwa kontributur regolari tal-gazzetta tagħna, li minnu dejjem sabet għajnuna kbira. Lis-Sur Delicata aħna nifirħulu, f'isem il-Balzanin kollha, u nawgurawlu aktar snin ta' ħidma fil-qasam pastorali għall-ikbar glorja t'Alla u għall-ġid ta' l-erwieħ.

'HAL BALZAN'

Toħroġ mill-

BORD EDITORJALI — 'HAL BALZAN'

c/o Każin tal-Banda "San Gabriel" Hal Balzan.

Stampat fil- Lux Press Hamrun.

X'GARA FOSTNA

AWWISSU 1979

Nhar il-Hadd, 26 t'Awwissu, tħabbret il-mewt tar-Rev. Dun Ġwann Galea, li ġrat fid-dar tiegħu f'Hal Balzan. Il-funeral sar l-għada mid-dar tiegħu għall-Knisja Parrokkjali, fejn saritlu quddiesa kantata konċelebrata fl-4.30 p.m. Fost il-konċelebranti, minbarra l-kleru tal-Parroċċa, kien hemm rappreżentanza mill-kapitlu ta' l-Isla, mill-Parroċċa ta' Hal Lija, saċerdoti mill-uffiċċju missjunarju, fejn Dun Ġwann ta kontribut siewi, u saċerdoti oħra. Għall-funeral attendew il-membri ta' diversi għaqdiet ta' Hal Balzan. Id-difna saret fiċ-ċimiterju tal-Parroċċa.

Bejn it-Tnejn, 27 ta' Awissu, u s-Sibt, 1 ta' Settembru, fil-Museum tas-Subien saret ġimgħa sportiva għat-tfal li jmorru d-duttrina. Din il-ġimgħa ssir kull sena sabiex it-tfal jirrikrejaw ruħhom fi spirtu tajjeb. It-tim rebbieħ ingħata l-premjijiet.

SETTEMBRU 1979

Nhar l-Erbgħa, 19 ta' Settembru, fis-7.30 a.m. saret quddiesa fil-Knisja Parrokkjali għat-tfal, fl-okkażjoni tal-bidu tas-sena skolastika. Ta' min ifakkar hawnhekk fil-quddiesa speċjali li qed issir kull ewwel ġimgħa tax-xahar fil-5.00 p.m. għat-tfal kollha. Nirrikkmandaw lit-tfal sabiex ma jitilfuhiex.

Tul dan ix-xahar, it-tfal ħadmu ħafna sabiex tittella' esibizzjoni tax-xogħlijiet tagħhom stess. Din l-esibizzjoni ġiet organizzata mill-Kunsill Parrokkjali fl-okkażjoni tas-Sena Internazzjonali tat-Tfal. Hadu sehem fiha t-tfal ta' bejn is-6 snin u l-14-il sena. u ħadmu xogħlijiet ta' tpinġija, skultura, ħjata, 'knitting' 'crosstitch', 'crochet', 'pottery', rakkmu, 'soft toys', tapestry', u kollezzjonijiet diversi. Id-data tal-għeluq għall-preżentazzjoni tal-oġġetti għall-wiri kienet nhar is-Sibt 29ta' Settembru. Il-wirja fetħet it-Tnejn, 1 t'Ottubru, fis-Sala Parrokkjali.

Il-festa ta' San Mikiel Arkanġlu saret fil-Parroċċa nhar il-Hadd, 30 ta' Settembru. Fl-4.00 p.m. tkanta l-għasar u wara ħarġet il-purċissjoni bl-istatwa ta' San Mikiel. Fil-5.30 p.m. saret il-quddiesa kantata bl-omelija, u mbagħad il-professjoni fil-fratellanza tal-qaddis.

Ittri lill-Editur

IL-PITTURA TAL-KNISJA

Sur Editur,

Naħseb li wasal iż-żmien — anzi l-poplu ta' Hal Balzan issaporta ż-żejjed — biex naraw x'se nagħmlu b'dik il-pittura li baqa' biex issir fil-Kappellun tar-Rużarju. Ma nafx il-għala l-Kav. Cremona qiegħed jimxi hekk magħna. Jiena midħla sew tal-knisja, u naf l-affarijiet kif imxew f'dan il-perijodu ta' żmien li fih il-pittur dam iqattgħalna qalbna. Kien hemm xi żmien meta x-xogħol tal-pittura ma setax jibda għax ix-xogħol preliminarju ma kienx lest; iżda minn għaxar snin 'il hawn il-pittur kellu żmien biżżejjed disponibbli għalih biex jagħmel ix-xogħol li ndaħal għalih. Fil-bidu tal-ftehim il-prezz kien mod, u wara li għadda ċertu żmien ried li jirdoppja l-prezz. F'dan l-istadju wkoll il-pittur ġie kkuntentat; iżda daqqa taħt skuża u daqqa taħt oħra din l-imbierka pittura ma bdieha qatt. Erba' snin ilu, b'ħafna żegħil u inċens min-naħa tal-Kappillan, il-Prof. Cremona beda jpoġġi l-erba' episodji fil-koppletta tal-kappellun. Iżda minn tliet snin 'il hawn il-pittur reġa' ma żammx kelmtu u ma kompliex ix-xogħol li ndaħal għalih. Il-kappillan kellmu kemm-il darba, kemm personalment u anke bit-telefon, u l-Profs. wiegħdu li se jkompli x-xogħol, iżda l-kelma tal-Profs. trid tħożżha fl-ilma. Issa l-Kav. Cremona jrid jara x'se jagħmel, jew iżomm kelmtu u jkompli x-xogħol, jew jinforma lill-Kappillan li se jabbanduna x-xogħol; iżda nispera li din ta' l-aħħar ma ssirx għaliex ma tkunx ta' ġid la għall-Kav. Cremona u lanqas għall-knisja tagħna li tant inħobbu.

Qalb muġugħa.

NIXTIEQU SENA ĠDIDA MIMLIJA RIŻQ U BARKA LILL-QARREJJA KOLLHA.

IL-KNISJA PARROKKJALI (37)

Wara li għamilna d-dawra ma' l-artali li għandna fil-Knisja Parrokkjali, imiss issa li ngħidu xi ħaġa dwar il-fonti tal-magħmudija, il-pulptu u l-konfessjonarji. Aktar 'il quddiem naraw x'nistgħu nkunu nafu mill-istorja dwar il-Via Sagra u dwar l-istatwi li għandna fil-Knisja.


SILTIET MILL-ISTORJA TA' HAL BALZAN
Tiftix u kitba ta'
DUN ĠWANN DIMECH


IL-FONTI TAL-MAGHMUDIJA

Din il-Knisja Parrokkjali, qabel il-fonti li naraw illum, kellha fonti tal-magħmudija ieħor. Għalhekk għall-istorja jeħtieġ li nibdew mill-ewwel fonti li kellha din il-Knisja u aktar 'il quddiem nitħaddtu dwar il-fonti li hemm illum.

L-ewwel tagħrif dwar il-fonti nsibuh fir-relazzjoni tal-ewwel Viżta Pastorali li saret lil din il-Knisja Parrokkjali.

Kien l-Isqof Mons. Fra Lorenzo Astiria, li fil-Viżta Pastorali tiegħu lil din il-Knisja nhar is-26 ta' Settembru 1673, wara li għamel il-Viżta lit-Tabernaklu niżel ħdejn il-bieb ta' barra biex jara l-fonti. Fir-relazzjoni tal-Viżta nsibu l-kumment ta' l-Isqof dwar dan il-fonti; igħid li l-fonti





tal-Magħmudija hu magħmul "iuxta modernum usum sed absque piramide"; bil-Malti tfisser li dan il-fonti hu magħmul skond l-użu modern iżda mingħajr piramida. Jidher li dan il-fonti kien magħmul ġdid u mhux dak li kien fil-Knisja ta' l-Annunzjata l-qadima. (1)

Aktar tagħrif dwar dan il-fonti jagħtihulna sitt snin wara l-Viżta fuq imsemmija l-Isqof Mons. Mikiel Molina, li jgħidilna li l-fonti qiegħed fuq il-lemin tal-bieb ta' barra, li dan il-fonti hu maqsum fi tnejn u li hu mgħotti b'għatu tal-injam. Jgħidilna wkoll li ġo dan il-fonti, f'naħa hemm miżmumin iż-żjut imqaddsa (tal-Katekumeni u tal-Griżma) u min-naħa l-oħra hemm l-ilma tal-Magħmudija. Il-viżitaturi li kienu ma' l-Isqof, il-Vigarju Ġenerali Mons. Ludovico Fumicello, Dun Marjan Attard u Dun Injazju Costantio, ordnaw li fuq dan il-fonti ssir piramida tal-injam bi xbiha ta' San Ġwann il-Battista. Talbu wkoll li dan il-fonti għandu jiġu mdawwar b'kanċell ta' l-injam jew tal-ġebel. (2)

Wara dawn l-osservazzjonijiet tal-viżitaturi, il-Kappillan Dun Dumink Ellul ħa ħsieb li jwettaq kull ma kien mitlub jagħmel lill-fonti. Dan nafuh mir-relazzjoni tal-Viżta Pastorali li għamel l-Isqof David Cocco Palmieri nhar it-3 ta' Diċembru 1686, li jgħidilna li: "Il-fonti tal-Magħmudija hu tal-ġebel, fuqu hemm piramida ta' l-injam miżbugħa u li hemm ix-xbiha ta' San Ġwann qed igħammed lil Kristu". (3)

Fir-relazzjoni tal-Viżta ta' l-istess Isqof fuq imsemmi, li għamel nhar l-20 ta' Mejju 1709, naqraw li dan l-Isqof talab li ż-żjut imqaddsa ma jibqgħux jinżammu fil-fonti tal-Magħmudija, iżda li jsir armarju fil-ħajt qrib tal-Fonti u li fuq dan l-armarju jinkitbu l-kelmiet: "OLEA SANCTA". (4)

Nafu wkoll li fl-1720 il-piramida tal-Fonti kienet miksija minn ġewwa b'damask aħmar. (5)

Nhar is-16 ta' Jannar 1802, il-Kappillan Dun Pietru Farrugia ħallas ħames skudi għad-damask biex il-piramida tal-fonti terġa' tiġi miksija mill-ġdid. (6) Hdax-il ġurnata wara, l-Isqof Mons. Vincenzo Labini għamel Viżta Pastorali lil din il-Knisja u sab li l-fonti kien tajjeb. (7)

Fit-18 ta' Ottubru 1811, l-Isqof Mons. Ferdinandu Mattei sab li dan il-fonti kien ġie xi ftit traskurat u għalhekk ordna li jiġi miżbugħ u li l-piramida terġa' tiġi miksija. (8)

L-ewwel fonti tal-magħmudija kien beda jiddeterjora ruħu u wasal fi stat li jinbidel u jsir ieħor floku. Għalhekk insibu li l-Kappillan Dun Mikelanġ Borg fl-1846 ħaseb li jagħmel fonti tal-Magħmudija ġdid. Qabbad tnejn minnies biex jieħdu ħsieb jagħmlu żewġ prospettivi mal-ħajt ta' ġewwa tal-faċċata tal-Knisja: waħda biex isservi għal fonti tal-magħmudija u l-oħra għal fonti ta' l-ilma mbierek. Dawn it-tnejn minnies damu għoxrin ġurnata sa ma lestew il-prospettivi. (9) Dawn iż-żewġ prospettivi qamu 45 skud u 4 tari'. (10)

Din id-darba, kif kien jixraq, il-fonti tal-Magħmudija sar tar-rħam u nħadem minn Mastru Feliċ Psajla. (11) Fil-qiegħ ta' dan il-fonti saret il-kaxxa taċ-ċomb fejn jitqie-

● għal paġna 3

● minn paġna 1

'SPORTS RALLY'

Bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet ta' din is-Sena Internazzjonali, ġie organizzat ukoll Sports Rally għat-tfal tal-Parroċċa, nhar il-Hadd, 28 ta' Ottubru, 1979. Dan l-Isports Rally nżamm fit-triq ta' wara l-knisja, f'temp kontinwament taħt l-ombra ta' maltemp, b'xita kultant. It-tfal li ħadu sehem kienu bniet u subien ta' bejn is-7 t-12-il sena. It-tfal ġew maqsumin f'żewġ gruppi, bejn is-7 u d-9 snin u bejn l-10 u t-12-il sena. Saru b'kollox 16-il 'event' u fl-aħħar sar ukoll 'relay' bejn ir-rebbieħa. Fost l-events li saru nsemmu s-'sack race', 'potato race', u 'cake eating competition'. Wara ġew mogħtija premjijiet lir-rebbieħa kollha.

Nieħdu din l-opportunità biex nirringrazzjaw lill-Kappillan tal-Parroċċa, u lid-delegati tal-għaqdiet Kattoliċi, lis-Sur Lewis Portelli u lil dawk l-individwi li għenu biex kollox mar tajjeb.

IL-KNISJA PARROKKJALI

● *minn paġna 2*

għed l-ilma tal-magħmudija. (12) L-injam tal-kewba għall-piramida li hemm fuq il-fonti nxtara minn għand Anġlu Barbara u x-xogħol u l-iskultura sar minn Mastru Mikiel Cachia. (13)

Tliet snin wara li tlesta dan il-fonti, saret il-Viżta Pastorali mill-Isqof Mons. Publius de' Conti Sant, nhar il-25 ta' April 1849. Dan l-Isqof, fir-relazzjoni tiegħu, faħħar ħafna dan il-fonti tal-Magħmudija u qal li mhux biss huwa sabiħ ħafna iżda li ma jonqsu xejn biex jiġi amministrat denjament is-Sagrament tal-Magħmudija. (14) F'dan il-fonti nsibu kwadru ta' S. Ġwann il-Battista tal-pittur magħruf Francesco Zahra.

IL-PULPTU

Qabel il-pulptu li naraw illum, il-Knisja kellha pulptu ieħor aktar sempliċi. Dan il-pulptu kien ukoll mal-pilastru maġġur u kont titla għalih mill-istess taraġ fl-imramma tal-pilastru. Kien fir-relazzjoni tal-Viżta Pastorali ta' l-Isqof Alpheran, li għamel fl-1 ta' Mejju 1736, li nsibu tagħrif dwar il-pulptu ta' qabel. (15)

Fis-sena ta' din il-Viżta Pastorali, l-imgħallem Antonio Farrugia, magħruf bħala Suxetta mill-Isla, kien lesta s-sedji tal-Kor ta' din il-Parroċċa, u peress li dawn is-sedji kienu ntgħoġbu ħafna, ġie mogħti l-inkargu li jagħmel il-pulptu li qed naraw illum. Mill-kotba tal-kontijiet tal-Parroċċa nafu li dan il-pulptu tlesta sitt snin wara li kienu tlestew is-sedji. Dawn il-kotba jgħidulna li l-pulptu tlesta fis-sena 1744 minn Antonio Farrugia. (16) Fis-sena 1743, il-mastrudaxxa Farrugia l-ewwel lesta l-konfessjonarju ta' taħt il-pulptu u sas-sena ta' wara lesta l-pulptu. Ix-xogħol ta' l-iskultura ta' dan il-pulptu saret minn Mastru Mattew. (17) Ta' min isemmi l-istatwi indurati li hemm fil-prospettivi ġol-panewijiet tal-kaxxa tal-pulptu. Dawn l-istatwetti jirrappreżentaw il-Lunzjata u l-erba' Evanġelisti f'din l-ordni: S. Mark, S. Ġwann, S. Mattew u S. Luqa. Mad-dahar hemm l-Ispirtu s-Santu u jispiċċa bi statwa artistika ta' l-injam ta' l-Appostlu San Pawl. Kellu raġun l-Isqof Mons. Paolo Alpheran De Bussan, fir-relazzjoni tal-Viżta Pastorali tiegħu li għamel lil din il-Knisja Parrokkjali nhar il-21 ta' Settembru 1745, igħid: "Għadu kemm tlesta l-pulptu l-ġdid ta' l-injam mimli b' xogħlijiet artistiċi ta' l-injam". (18) Lanqas ma naqas jikkommenta fuq dan il-pulptu l-Isqof Mons. Fra Bartilmew fil-viżta ta' wara d'k li semmejna, li għamel nhar id-9 ta' Ottubru 1785, meta qal: "Il-pulptu hu ta' l-injam maħdum sabiħ ħafna. Fuq jispiċċa bi statwa ta' San Pawl Appostlu. Dan il-pulptu hu qiegħed fiss mal-ħajt". (19)

Fis-sena 1953 il-konfessjonarju ta' taħt il-pulptu nbidel ma' dak li naraw illum. Dan il-konfessjonarju tal-kewba nħadem minn Mikiel Micallef minn din il-Parroċċa, li kien mgħallem ma' Delia tal-għamara. (20)

IL-KONFESSJONARJI

Qabel il-konfessjonarji li naraw illum, kien hemm tnejn li kienu nħadmu mill-mastrudaxxa Mastru Bertu Gatt f'Diċembru tal-1719 u li kienu qamu 27 skud, 3 tari' u 15-il ħabba (21)

Fl-1743 meta kien kappillan Dun Marju Tonna, il-mastrudaxxa Mastru Antonio Farrugia, waqt li kien qed jagħmel il-konfessjonarju ta' taħt il-pulptu, ħadem iż-żewġ konfessjonarji ta' qabel dawk li naraw illum. (22) Nhar il-21 ta' Settembru 1745, l-Isqof Mons. Paolo Alpheran De Bussan, fir-relazzjoni tal-Viżta tiegħu, igħidilna li barra mill-pulptu ra wkoll iż-żewġ konfessjonarji: "li huma maħdumin sbieħ u li m'ilhomx li saru." (23)

Il-konfessjonarji li naraw illum saru kważi mitt sena wara dawk li għadna kemm semmejna. Anzi biex inkunu preċiżi ngħidu li bdew jinħadmu f'Diċembru tal-1840 meta kien kappillan Dun Mikelanġ Borg u jieħu ħsieb l-amministrazzjoni kien Dun Salv Sammut. Mill-ktieb tal-kontijiet nafu li damu jinħadmu tnejn u ħamsin ġurnata u nofs u ħadimhom mastrudaxxa wieħed u kultant kellu tifel igħinu. (24) Nistaqsu: Min kien il-mastrudaxxa? Ngħid li s'issa ma sibtx! Tgħid kien Mastru Mikiel Cachia li ftit wara ħadem il-piramida tal-fonti tal-magħmudija? Ma nafux!

REFERENZI

1. ASTIRIA L. — Visit. Past. fol. 26 p. 358 Kurja Arċiv.
2. MOLINA H. — Visit. Past. fol. 114.
3. COCCO PALMIERI D. — Visit. Past. Fol. XXII.
5. ALPHERAN DE BUSSAN P. — Visit. Past. fol. 727.
6. ARKIVJU PARROKKJALI — Lib. 5.
7. LABINI V. — Visit. Past. fol. 103.
8. MATTEI F. Visit. Past. fol. 107.
9. ARKIVJU PARR. Lib. 26.
10. ARKIV. PARR. — Lib. 24.
11. Ibid. Cit.
12. ARKIV PARR. — Lib. 26.
13. ARKIV. PARR. — Lib. 24
14. SANT P. — Visit. Past. fol. 189.
15. ALPHERAN DE BUSSAN P. — Visit. Past. fol. 330.
16. ARKIV. PARR. — Lib. 56.
17. Ibid. Cit.
18. ALPHERAN DE BUSSAN P. — Visit. Past. fol. 323.
19. RULL B. — Visit. Past. Vol. II, p.1
20. HAL BALZAN Nru. 31 p. 4.
22. Ibid. Cit.
23. ALPHERAN DE BUSSAN P. — Visit. Past. p 323.
24. ARKIV. PAST. — Lib. 26.

NIFIRĦU LILL-GRADWATI ĠODDA

Nhar il-Ġimgħa, 7 ta' Diċembru 1979, fl-Università l-Qadima, Tal-Qroqq, saret il-Gradwazzjoni taż-żewġ Universitajiet, il-Qadima u l-Ġdida, li fiha ggradwaw 299 student. Preżenti għaċ-ċerimonja, kien hemm il-President tar-Repubblika, l-Avukat Anton Buttigieg, li hu l-Kanċillier taż-żewġ Universitajiet, il-Ministru ta' l-Edukazzjoni, it-Tabib Philip Muscat, flimkien maż-żewġ Retturi, il-Professur E. Borg Costanzi u Dr. D.H. Walwyn James.

Fost l-istudenti li ggradwaw, insibu dawn is-sinjuri minn Hal Balzan:

Università l-Qadima:—

Carmel Bezzina M.A.
Joseph Borg B.A. Hons.)
Raymond Borg LL.D.
Tonio Borg LL.D.
Adrian Borg Cardona LL.D
Richard Camilleri LL.D.
Servolo Delicata M.Sc.
Anton Felice LL.D.
Tania Vella LL.D.

Università l-Ġdida:—

Charles Buhagiar B.E.&A.
Godwin Zammit B.E.&A.
Alessandra Buttigieg Dip. Business Management.
Paul Bonnici Mallia Dip. Banking.

Lil dawn is-sinjuri, aħna nifirħulhom minn qalbna u nixtequlhom kull riżq u hena fil-qasam tagħhom.

ROKNA GHAT-TFAL

Tfal għeżież,

Fix-xahar ta' Ottubru li għadda, ġie mħabbar minn Stockholm li l-Premju Nobel tal-Paċi ngħata lil Mother Teresa, soru magħrufa mad-dinja kollha għall-imħabba lejn l-ifqar fost il-foqra li jinsbu fl-Indja u postijiet oħra, u speċjalment it-tfal.

Jekk din is-sena 1979 il-Ġnus Magħquda marru jagħtu ħarsa speċjali lejn il-ħtiġijiet tat-tfal mad-dinja kollha, żgur li tqanqlu xi ftit mill-ħidma ta' din is-soru u tant oħrajn magħha li qed joffru ħajjithom stess biex isalvaw il-ħajja ta' eluf u eluf ta' tfal li qed imutu bil-ġuħ jew bil-mard jew li qatt ma sabu omm li tħobbhom u tifraħ bihom.

Din is-soru qaddisa, li għall-ħidma tagħha lejn it-tfal ġibdet il-qlub ta' miljuni ta' nies, illum għandha 69 sena u għalkemm tidher xiħa għadha taħdem bla waqfien fost faqar li ma jitwemminx li fih igħixu miljuni ta' tfal xejn ixxurtjati.

Fix-xahar t'Ottubru wkoll taħbat il-Ġurnata Missjunarja, li fiha l-Knisja tfakkarna biex ma ninsewx ngħinu lil tant eluf ta' missjunarji, saċerdoti u sorijiet li tbiegħdu minn art twelidhom u nfirdu mill-familji tagħhom biex jaħdmu fost it-tfal ta' nazzjonijiet oħra foqra li ħafna minn hom qatt ma kellhom ix-xorti li jitgħallmu ftit skola jew li jisimgħu kelmtejn fuq Kristu. Jekk is-sejħa tal-Ġnus Magħquda għal interess aktar fil-ħtiġijiet tat-tfal qed tiġi mismugħa minn bosta nies kbar, żgur li minn ta' quddiem jiġu l-Missjunarji li waqqfu tant mijiet ta' sptarijiet u skejjel biex fihom jilqgħu t-tfal li dejjem sabu post speċjali fil-qalb t'Alla.

Għalhekk, għeżież tfal, fuq l-eżempju ta' nies bħal dawn li semmejna, kull wieħed u waħda minnkom għandkom minn issa tnisslu f'qalbkom xewqa kbira li b'xi mod jew ieħor tkunu ta' għajnuna fost sħabkom it-tfal. Il-Missjunarji kbar ma kenux jilħqu fejn laħqu kieku fi ċkunithom ma ħaddmux fost ħbiebhom il-virtù tal-imħabba lejn l-oħrajn.

Is-sena 1979 għandha tkun għalikom is-sena li fiha tieħdu deċiżjoni qawwija li f'ħajjitkom ma tkunux għamiltu ħaġ'oħra għajr li għentu u ferraħtu lit-tfal li jkunu fil-bżonn tal-għajnuna tagħkom.

KOMPETIZZJONI BIL-PREMJU

Tfal,

Għall-kompetizzjoni ta' din il-ħarġa ħsibna li nagħmlu xi ħaġa li għadna qatt ma għamilnieha fil-ħarġiet ta' qabel. Taħsbux li se nagħmlu xi ħaġa tqila; xejn minn dan! Il-kompetizzjonijiet li nħejjulkom huma kollha għal-livell tagħkom. Biss din id-darba fiha ftit tal-ħsieb u taħbil il-moħħ. Iżda bi ftit tal-paċenzja persważi li taslu biex issolvuha. Għalhekk nixtiequ li jkollna aktar kompetituri. Kull ma rridu minn għandkom hu li tiffurmaw isimijiet ta' nies minn sett ta' ittri li se nagħtukom. Hekk, ngħidu aħna, minn dan is-sett ta' 6 ittri: EIALTM, joħroġ isem ta' mara, MELITA; u minn dan is-sett l-ieħor: IUKDNM, joħroġ isem ta' raġel, DUMINK. Issa niġu għax-xogħol tagħkom. Minn dawn it-tliet settijiet ta' ittri joħorġu tliet isimijiet ta' rġiel: EIUPRT, AUKMNR, AABKLS; u minn dawn it-tliet settijiet li ġejjin joħorġu tliet ismijiet ta' nisa: AAIMJR, AEUTLR, AIONRŻ.

Bħas-soltu, ibagħtu l-kompetizzjoni tagħkom f'envelop magħluq u indirizzawh lill-Każin tal-Banda San Gabriel, jew impustawh intom stess fil-letterbox ta' l-istess każin. Għandkom żmien sa nhar is-Sibt, 16 ta' Frar, 1980.

It-tweġibiet ta' l-aħħar kompetizzjoni kienu dawn:

Minn TALAB = BATAL, BLATA, BTALA, TALBA.
SALIB = SABLI, LIBSA, BASLI.
AKTAR = TARKA, KARTA, TARAK, KARAT.
ĦAFER = FERAĦ, AĦFER, FERAĦ.

Ir-rebbieħa hija Ronda Attard, li toqgħod: "Rhowenville", NS off Old Railway Road, Ħal Balzan. Il-premju nieħdu ħsieb nibagħtuhulha.

TINSEWX TAGĦTU XI KONTRIBUZZJONI, IMQAR ŻGĦIRA, GĦALL-GAZZETTA "ĦAL BALZAN". GRAZZI ĦAFNA.

VITAFOAM

ISEM TA' GARANZIJA
PRODOTTI —
SAQQIJIET
IMĦADED
CUSHIONS U AFFARIJIET
OĦRA TAL-FOAM
VITAFOAM LIMITED
INDUSTRIAL ESTATE, SAN ĠWANN (B'KARA)
Telephone: 36275/76

"IL-MILIED IT-TAJJEB" ma' SCOTT u JOE

Żewġt iħbieb tagħna Balzanin — Tony Scott u Joe C. Aquilina — dan l-aħħar ikkombinaw it-talenti mużikali tagħhom biex tellgħu programm tal-Milied għal fuq it-televiżjoni. F'dan il-programm, li ntwera lejlet il-Milied qabel il-quddiesa ta' nofs il-lejl, ħadu sehem ukoll Vince Abela, 'drummer' żagħżugħ, ukoll minn Hal Balzan, u t-trio Żebbuġi "Maple Leaf".

Tony Scott, mużiċist ta' xejra progressiva, ħa f'idejh l-arranġamenti mużikali, daqq l-istrumenti kollha barra d-'drums' bis-sistema ta' 'overdubbing' u rrekordja l-ħames kanzunetti li nstemgħu fil-programm "Il-Milied it-Tajjeb". Kienet biċċa xogħol iebsa li ħadet lil Tony u l-bqija tal-grupp sa mill-bidu tas-sajf li għadda.

Joe C. Aquilina, li ftit ilu konna ppublikajna intervista miegħu wara li rebaħ l-ewwel premju fil-Konkors tal-31 ta' Marzu fil-kategorija "Innu Marċ", ikkompona l-kliem u l-melodija u kanta fil-biċċa l-kbira tas-songs. Il-lirika — li Joe isejħilha 'Kristoċentrika', jiġifieri għandha 'l Kristu bħala ċentru — hija intenzjonata li ġġiegħel lil dak li jkun jirrifletti li l-Milied ma jistax ikun Milied jekk fih ma nħossux il-ferħ li għandu jħoss kull bniedem xħin jirrejalizża li l-Ħallieq sar bniedem bħalna.



Tony Scott u Joe C. Aquilina.

Fuq l-istil tal-kanzunetti ġodda tal-Milied, dan ivarja minn stil disco sa dak waltz/pastorali. Wieħed bħallikieku jiskanta li stil disco jista' jintuża f'mużika reliġjuża, iżda Scott u Joe għarfu jużaw din il-mużika moderna biex iktar temfasizza li l-messaġġ fuq Kristu mhux messaġġ antikwat iżda kontemporanju. Dan jinħass l-iżjed f'"Nifirħu fil-Milied", li hi song evanġelistika billi hi proklamazzjoni ta' l-Inkarnazzjoni li saret "għalija u għalik". L-użu ta' l-orgni, strument tradizzjonalment użat fil-knisja, flimkien ma' strumenti elettroniċi oħra, taw sens ta' solennità li tistħoqq lil avveniment qaddis bħal mhu l-Milied, imma fl-istess ħin ma naqqsux il-ferħ naturali li jġib miegħu t-twelid ta' tarbija. F'"Ġesù hu r-Rigal", song sentimentali għall-aħħar, wieħed jinduna li hemm element ta' protesta f'li l-awtur donnu ma jistax jemmen li jingħataw tant rigali fil-Milied imma r-Rigal li Alla ta 'l kull bniedem — Ġesù Ibnu stess — ftit hawn nies li jidhru li jagħtu kasu.

Apprezzament

DUN ĠWANN GALEA

Meta tiġi biex tikteb apprezzament ta' bniedem li domt taqsam miegħu l-istess ħidma għal ħamsa u għoxrin sena, titfixkel minn fejn taqbad tibda u x'għandek tgħid fuqu. Lil Dun Ġwann sirt nafu meta kellu sebgħa u erbgħin sena (kien għadu fl-aħjar tiegħu), u niftakar li l-ewwel darba li ġejt Hal Balzan wara li rċevejt in-nomina ta' Kappillan, kien l-ewwel wieħed li ħadni fid-dar tiegħu biex ilaqqagħni mal-familja tiegħu u jistmani.

Dun Ġwann twieled l-Isla, u ġie joqgħod mal-familja tiegħu Hal Lija fi żmien il-gwerra. L-Arċisqof Gonzi talbu biex jibda jservi fil-Parroċċa tagħna, u Dun Ġwann kien jinżel kuljum, fil-għodu u fil-għaxija, biex jaqdi l-ministeru saċerdotali tiegħu fil-parroċċa tagħna, sakemm irnexxielhom isibu dar hawnhekk u ġew joqogħdu fiha.

Fir-relazzjonijiet tiegħu magħna s-saċerdoti tal-parroċċa, Dun Ġwann dejjem wera l-akbar rispett u mħabba saċerdotali. Kulmeta jiena, bħala kappillan, tlabtu xi servizz, nista' ngħid bis-sinċerità kollha li Dun Ġwann dejjem aċċetta bil-qalb. U meta ma kienx ikun jista' jagħmel dak li nkun tlabtu, kien jagħmel ħiltu kollha biex jikkonvinċini li ma setax jaqdini. Għal ħafna snin kien jagħmilha ta' vigarju sostitut meta jien kont nieħu l-vaganzi tiegħi, u nista' ngħid li qatt ma kelli xi ngerger mill-mod kif kien imexxi l-parroċċa.

Meta marad u ma baqax joħroġ mid-dar, l-uniku dispjaċir tiegħu kien li ma kienx jista' jagħti sehmu fix-xogħol pastorali, bħalma kien igħidli kulmeta kont immur narah. Nista' ngħid li sofra l-marda ta' sentejn, li wasslitu sal-qabar, b'rassenjazzjoni kbira. F'dan lili tani eżempju tassew sabiħ ta' saċerdot marbut mar-rieda tal-Mulej. Issa li ma għadux magħna, dmirna hu li niftakru fil-ħidma tiegħu fostna u nitolbu lil Alla jagħtih mill-aktar fis il-mistrieħ ta' dejjem.

Il-Kappillan.

IL-FESTA TAL-LUNZJATA MFAKKRA MIZ-ZGHAR TAR-RAHAL

Il-festa tal-Lunzjata ż-żgħira, kif hi ma għrufa fost il-Balzanin, saret għat-tieni darba ftit taż-żmien ilu, jiġifieri nhar it-Tnejn 17 ta' Settembru, 1979. Dan sar bit-tħabrik tat-tfal tar-raħal tagħna li huma veri akkaniti għall-festa ta' raħal twelidhom u li jinteressaw ruħhom fl-armar u fin-nar.

Din il-festa kienet ilha tberren f'moħħ it-tfal u ż-żgħażagħ tagħna. L-iskop prinċipali tagħna hu li jkollna sehem mill-festa li ssir firraħal tagħna għall-patruna tagħna Sidtna Marija Annunzjata. Din il-festa saret għall-ewwel darba s-sena l-oħra fl-1978, xi ftit ġimgħat wara l-festi kbar ta' Marija Annunzjata. Qabel ma saret din il-festa sar ħafna ftehim bejnietna t-tfal, dwar l-armar, id-dawl, it-tiżjin u ħafna affarijiet oħra. L-aktar problema li ma stajniex insolvu kienet dik ta' l-istatwa u l-post fejn se nagħmlu l-festa. Wara lkoll iddeċidejna li ssir fil-post magħruf bħala Sqaq iz-Zekkuk. Inġiebet l-istatwa ta' Marija Annunzjata mingħand Joseph Spiteri u dak innhar fil-għaxija n-nies ma naqsux li jiġu u jaraw it-tiżjin li għamilna u n-nar li sar għal din il-festa.

Meta rajna li l-festa ħadet isem tajjeb mal-kbar tar-raħal, ftehemna li nibdew naħdmu għas-sena ta' wara, biex ikollna festa aħjar u organizzajna bis-serjetà. Mela wasal iż-żmien għat-tieni festa, jiġifieri dik li għamilna f'Settembru li għadda. Din id-darba għamilnieha aktar tard minħabba x-xogħol kbir li kellna nagħmlu aħna ż-żgħar. Imma meta wasal il-ħin tal-festa kien hemm x'tara. Ilkoll qomna kmieni u armajna l-post fejn kellha ssir. Din id-darba minbarra l-fjakkli kellna wkoll id-dawl tal-bozoz li sar bis-saħħa tal-ġeneratur li ġie misluf lilna għal dak il-jum. Saru xi pavaljuni bl-inizjattiva ta' Joseph Cipriott. Dawn inħadmu mill-ommijiet u x-xebbiet ta' dawk li ħadmu għal din il-festa.

Biex il-pubbliku sar jaf aktar dwar dak li konna se nagħmlu, sar programm speċjali ppreparat minni, fuq ħinijiet kif ukoll fuq ix-xogħol li kien lest u l-attivitajiet li kienu se jsiru. Din id-darba nġiebet statwa akbar minn dik tas-sena l-oħra li sellifhielna benefattur kbir tagħna. Saret purċissjoni fost il-briju li jafu jagħmlu t-tfal tagħna, kemm dawk li ħadmu għall-festa kif ukoll dawk kollha li jħobbu lil Marija Annunzjata. Waqt il-purċissjoni ma naqasx in-nar ta' l-ajru. Kien hemm ukoll numru ta' sfafar u n-nar ta' l-art ma naqasx wara l-purċissjoni. Għall-festa ta' din is-sena kien hemm ħafna kbar biex jaraw x'nafu nagħmlu aħna ż-żgħar.

Nagħlaq billi nirringrazzja l-ewwel lill-benefatturi tagħna li għenuna u lil kull min ħadem biex organizzajna festa bħal din, u nħeġġeġ liż-żgħażagħ Balzanin biex ikomplu jkabbru l-entużjażmu tagħhom għall-festa tal-Patruna Tagħna biex għada pitgħada nkunu aħna li nidħlu għall-festi kbar li jsiru f'Hal Balzan lil Sidtna Marija Annunzjata.

JOE P. BORG

MILL-UFFIĊĊJU PARROKKJALI

Membri ġodda tal-Komunità Parrokkjali

Remò Camilleri, bin Anthony u Magdalen
Lisa Darmanin Demajo, bint Norman u Linda
Stephen Saliba, bin Francis u Anna
Sandra Borg Cardona, bint Christopher u Victoria
Philippa Ann Said, bint Joseph u Lucienne
Seana Christiana Mifsud, bint Anton M.D. u Susan
Charmaine Bugeja, bint Carmel u Angela
Ruth Zammit, bint Silvio u Helen
Neil Ralston, bin Dale Clyde u Antoinette
Dale Ralston, bin Dale Clyde u Antoinette
Maria Rita Spiteri, bint Joe u Pauline
Carmen Spiteri, bint Joe u Pauline
Adam Brin, bin Joe u Carmen
Gabriella Maria Cilia, bint Joe u Josephine
Chantal Stagno Navarra, bint Alfred u Rose Marie
Edward Grech, bin Lawrence u Helen
Adrian Pace Balzan bin Anthony u Ninette.
Oscar Baldacchino, bin Noè u Lucy.
Jacqueline Ciantar, bint Anthony u Nathalie.
Priscilla Borg, bint Mario u Sylvana.

Irċevew is-Sagrament taż-Żwieġ

Alphonso Micallef u Monica Dodds
Albert Grech u Anna Mallia
Carmel Catania u Nancy Zarb

Membri ġodda tal-Komunità tas-Sema

Rev. Dun Ġwann Galea
Genoveffa Agius
Ruġġieru Zarb.
Dun Ġorġ Scicluna minn Hal Qormi).